# Il-Festa ma tmut qatt



minn *J.J. CAMILLERI*

**Antropologu** (studjuż tad-drawwiet tal-bniedem) ftit ilu wera l-fehma li l-festi parrokkjali f'pajjiżna kienu għaxja u waslu biex imutu mewta naturali. Hu nnifsu jkollu jammetti kemm mar żmerċ għax bħal issa huma fl-aqwa tagħhom. Jekk żdiedux aktar id-dilettanti ta' l-armar u l-organizzaturi, jekk hemmx aktar fervur reliġjuż ħaġa oħra. Wieħed irid jiddeċiedi, biss ta' min jgħid li hemm ċerta preokkupazzjoni għal min finalment hu responsabbli, għax donnu l-festi parrokkjali ħarbulu minn idejh u mhux f'qagħda li jikontrollahom.

Fl-antik kien hawn festa waħda, dik ta' l-Għid. Fil-jum tal-patrun tal-parroċċa kienet issir quddiesa kantata bl-għasar u jsir it-tqassim tal-ħobż lill-foqra. L-ewwel forma ta' purċissjoni bdiet issir lejlet il-festa bir-relikwa tal-qaddis, dik li llum nafuha bħala t-transulazzjoni. Purċissjonijiet oħra ta' l-okkażjoni bdew isiru wkoll. Ta' penitenza, f'każ ta' xi epidemija, terrimot, ta' ringrazzjament, ta' xi weghda, kif ukoll dawk rogattivi bħal talb għax-xita, biex tinqala' xi grazzja. Ma kinux dawn il-purċissjonijiet marbutin ma' xi data, isiru meta tinqala' l-okkażjoni.

Il-festi bdew jieħdu r-ruħ meta twaqqfu l-parroċċi u nibtu l-fratellanzi. Sa dak it-tant kien għadhom intenzjonati li jkattru l-fervur reliġjuż u d-devozzjoni, għalhekk kienu attività purament reliġjuża marbuta mal-funzjonijiet fil-knisja. Il-knisja bdiet tiżżejjen bid-damask, il-kant sar bl-akkumpanjament ta' speċi ta' orkestra, bdew il-paniġierki u funzjonijiet oħra. Sa l-1600 l-istatwi ma kienx għadu wasal żmienhom. L-ewwel statwa kienet aktarx il-Bambina ta' l-Isla li tissemma fl-1618. Jingħad li kienet pulena. Pulena kienet tiżjin fil-pruwa tax-xwieni, l-biċċa l-kbira figura ta' mara ta' l-injam minn nofsha 'l fuq.

Ta' min jgħid illi fis-7, 8 u 9 sekli fl-Ewropa ta' Lvant kien hemm moviment bħala ikonoklastiku, li kien kontra kull qima li tingħata lill-istatwi u r-relikwi. Dawn ma kellhomx jintużaw lanqas waqt funzjonijiet reliġjużi, anzi jinqerdu. Qima lill-istatwi kienet titqies bħala użanza pagana u favur dan il-moviment kien hemm il-Papa Leo III u l-Imperatur Kostantinu III. Qamu polemiċi dwar dan bejn il-qassisin u l-patrijiet. Fis-seklu 16 u 17, il-Protestanti pprattikaw dan l-ikonoklastikiżmu ('icona' bil-Grieg tfisser xbiha qaddisa).

M'hemmx dubju illi l-festi titulari ħadu r-ruħ meta bdew deħlin l-istatwi fil-purċissjoni, uħud minnhom saru lokalment, oħrajn nġabu minn barra. Fil-fatt dawk il-parroċċi li ma kellhomx il-vara, il-festa baqgħet kajmana u ħassew il-bżonn li jintroduċuha kif sew sew għamlu. Festa bla vara ma tqieset festa xejn.

Sa l-1868 fil-Mosta ma kienx hemm l-istatwa ta' l-Assunta. Fil-purċissjoni kienet toħroġ il-vara magħrufa bħala tar-'Rużarju'. Għadha teżisti, vara barokka mill-isbaħ, ta' l-injam, devota u għażiża. Kienet tintuża għall-purċissjonijiet kollha tal-Madonna - tal-Ward, tar-Rużarju u taċ-Ċintura. Ma nafux min ħadimha u meta. Fl-1612 fil-Mosta kien hemm diġà l-Konfraternità tar-Rużarju, marbuta ma' taċ-Ċintura fl-1721, u ma' tal-Ward (ċ. 1777).



*L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li kienet toħroġ fil-purċissjoni ta' l-Assunta qabel l-1868.*

Fl-1868 l-iskultur Mosti Salvu Dimech skolpixxa minn zokk ta' siġra statwa ta' l-Assunta, waħda mill-isbaħ, sinjorili u devota. Baqgħet mogħtija qima mill-Mostin sa' l-1948 meta l-iskultur Ċensu Apap ġie mitlub, ħadd ma jaf għaliex, biex jirranġaha. Mid-dehra kien xogħol ta' l-



*L-istatwa ta' Santa Marija ta' Salvu Dimech (is-Sartx) waqt il-purċissjoni f'jum il-festa. Il-Banda Nicolò Isouard tidher quddiemha. Ritratt meħud fl-għoxrinijiet.*

għaġġla għax ix-xogħol ħa sena u Apap deher li mhux sa jlaħħaq għax talab l-għajnuna ta' Antonio Buhagiar. Ta' Salvu Dimech ma baqax ombra. Biex tieħu sura oħra sar bankun ġdid li sewa dak iż-żmien aktar minn erbat elef lira.

L-irħula sa ftit snin ilu kienu magħluqin fihom infushom bi żvog ta' xejn. Il-festa ta' kull sena saret okkażjoni fejn dakinhar jieklu u jixorbu aktar, iżanżnu l-ilbiesi u deheb, u jiddevertu. Bil-mod il-mod intilef il-bilanċ, beda dieħel l-element pagan, l-istatwa tqieset ukoll bħala l-għoġol tad-deheb meta bdiet titlibbes id-deheb u l-fidda biex tkun iprem u tispikka ma' tar-raħal viċin. Il-każini tal-baned, in-nar ta' l-art u ta' l-ajru ssuktaw iżidu l-briju. Beda jippredominaw elementi oħra, bħal l-atmosfera kummerċjali, li ftit setgħu jqanqlu u joħolqu fervur reliġjuż. Ta' min xorta waħda jgħid, li l-briju u l-fervur beda bħala espressjoni ta' fidi.

Snin ilu l-knisja tal-Mosta kienet tinxtegħel bit-tazzi taż-żejt ikkuluriti. Kienet tieħu aktar minn sagħtejn din il-faċenda. Min jaf x'sar minnhom dawk il-mijiet jekk mhux eluf ta' tazzi ħomor u ħodor, sofor u koħol? Il-pilandri u l-istatwi u t-trofej kienu jintramaw mat-triq u mhux fuq il-bankini. Tant ma kienx hemm traffiku li f'tarf it-Triq il-Kungress kien jintrama l-ark - bħal ħnejja mżejna.

L-istatwi tal-kartapesta kienu moda ħafna. Smajt l-istorja marbuta ma' waħda minn dawn l-istatwi. Nittama li mhux traġika kif qaluhieli! Waħda minn dawn l-istatwi nhar il-festa kienet ta' Abigail - persunaġġa tat-Testment il-Qadim. Ħdejn riġlejha kellha bomblu u f'idha żżomm ħbejża. Fil-bidu bdew jagħmlulha ħbejża tal-ħobż veru. Iżda kull darba dik il-ħobża kienet tgħib. Xi ħadd bil-ġuħ kien jeħodha matul il-lejl biex jiekolha. Xi ħadd ħareġ bl-idea kif isib tarf dik il-problema.

Bdew iċappsuha bil-pitrolju - dejjem kif smajt - sakemm imbagħad għamlu forma ta' ħbejża tal-kartapesta. Kienu moda l-kuruni mimlijin karti li jinfetħu meta l-vara tgħaddi minn taħthom.

Kien żmien ta' l-għaks u nies ibatu tassew il-ġuħ eżistew. It-tfal kienu jmorru għand il-furnara jitolbu ponn frak tal-ħobż. Kien hemm min jagħtihom u min le. Il-furnara - fil-Mosta kien hemm għadd ta' fran, it-tieni l-aktar f'Malta - kienu jbigħu l-frak skud wiżna biex jitħallat mal-kafè. Il-kafè kien jinxtara żerriegħa u jiġi nkaljat fl-inkaljatur, imbagħad mitħun.

Meta tkun riesqa l-festa kien iqum il-moviment, l-aktar fit-tfal li kienu minn ta' quddiem biex jgħinu fit-tiżjin. Żmien minnhom kien jispikka raġel kbir, dejjem jiġri u jissaħħan għax it-tiżjin tat-toroq kien kollu fi ħsiebu u responsabbiltà tiegħu. Kellu l-laqam ta' 'in-Nanna'. Ma kien jaħrablu xejn għax ried kollox sewwa.

Ma jistax wieħed jgħid li fil-Mosta qatt kien hemm xi piki kbar. Darba ilu kien hemm żewġ baned u żewġ festi, imma daqshekk! Billi l-Mosta ħarġet mill-parroċċa tan-Naxxar, kien hemm nuqqas ta' simpatija, biex insejħulha hekk, bejn il-Mostin u n-Naxxarin. Iż-żgħażagħ Mostin (ta' ħamsin, sittin sena ilu) kienu aktar jingwalawha ma' dawk ta' Ħal Għargħur, u qatta' bla ħabel man-Naxxarin. Kien hemm subien boloh li fi żmien il-festi parrokkjali kienu jitilgħu jfittxu l-għali, jiltaqgħu biex jiġġieldu jew joborxulhom l-armar u t-tiżjin fit-toroq.

Bluhat u injoranza li llum għaddew. Mill-bqija l-Mostin qatt ma wrew entużjażmu esaġerat fejn jidħlu attivitajiet parrokkjali.

Ħafna mill-karatteristċi tal-festa ta' dari għadhom magħna. Barra l-banda u l-logħob tan-nar, kien ikun hemm il-mixgħela ġenerali, bid-differenza li dak iż-żmien kienet issir bit-tazzi taż-żejt. Il-lumini jpetptu fit-tazzi mlewnin kienu jagħtu ħajja lill-festa u atmosfera mhux tas-soltu lir-raħal. Spiċċaw il-maskli - speċi ta' blokka tal-ħadid, li minnha kienu jisparaw murtali żgħar bil-bokka 'l fuq. Il-qubbajt aktar mil-lum kien il-moda.

In-nies kienu jixtru biex iservihom għas-sena kollha. Kienu moda wkoll il-gabbani jixegħlu bl-aċitilena ibigħu r-ruġġjata, il-luminata u l-ilma kkulurit fis-silġ. Barra l-gabbani kien ikun hemm għadd ta' karettuni tal-lewż, qastan, bigilla u x'aktar?

Karatteristika ewlenija tal-festa Maltija kienu l-kuluri. Il-bandieri, bandalori, l-pavaljuni, il-pilandri, l-antarjoli, il-palk ewlieni tal-banda kollha kienu jinżebgħu b'ilwien jgħajtu. Imbagħad il-ħaxix, il-ward tal-kulur, il-bozoz, il-murtali tal-kulur, l-ilbies ikkulurit tan-nies - kollox ma' kollox ħuġġieġa waħda.

Imbagħad l-istorbju, il-murtali, il-logħob tan-nar, id-daqq tal-baned, il-ħamba tan-nies ma jonqsux. Fl-antik in-nar kienu jġibuh l-aktar minn Sqallija, imma l-Maltin ma damux ma tħajru u bdew jagħmluh huma bl-akbar sengħa.

Ikomplu jżidu l-briju d-daqq tal-qniepen, l-għajjat tal-bejjiegħa tal-pastizzi, tal-qubbajt u tal-luminati, is-sfafar, il-murtaletti u l-murtali tal-bomba li jriegħdu. Il-qniepen

kienu jdoqqu sikwit, mhux biss f'jiem il-festi. Nhar ta' Ġimgħa fit-tlieta ta' wara nofsinhar, fl-Ave Marija, siegħa lejl, il-*Pater Noster*. Moti nhar ta' Ħamis u Ġimgħa, kull meta tkun ħierġa quddiesa, vjatku u funeral. Meta jmut xi ħadd, jew qiegħed imut waqt l-agunija u moti sħaħ f'jiem ta' festa.

Kollox kien bl-istaġun tiegħu. Il-festi f'pajjiżna ma kinux ftit. Fil-Mosta, per eżempju, kien hemm żmien li kienu joħorġu dawn il-purċissjonijiet - Tre Re, Ġimgħa l-Kbira, San Ġużepp, tas-Salib, il-Korpus fil-għodu u fil-għaxija, il-Qalb ta' Ġesù, Santa Marija, taċ-Ċintura, tal-Ward, San Paċifiku, id-Duluri, tar-Rużarju, il-Milied. Fl-1575 il-festi f'Malta kienu 32.

Mhux kollha kienu ta' l-istorbju, biss għanja qadima Maltija tgħid li kien hemm li kienu hekk:

*Ġennintuni u żmagajtuni,*
*Rasi aktar ma ttinix,*
*Qabel nisma' ddoqq il-Glorja*
*Jien figolli ma nixtrix.*



***Triq il-Kungress Ewkaristiku kif kienet tkun armata għall-festa ta' Santa Marija fl-antik.***

**Awguri**

**Is-Sur Charles J. Vassallo U.O.M., Konslu Ġenerali Onorarju ta' San Francisco California u Nevada u s-Sinjura Emma Vassallo, jawguraw lill-Mostin kollha u l-emigranti li qegħdin fostna għall-btala tas-sajf – il-Festa t-Tajba.**